MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Talba Numru. 300/2012

**RIMUS TRADING AGENCY LIMITED [C-20020]**

**vs**

**Carmel John BARBARA [ID. Nru. 491569M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta attrici fit-13 ta' April, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand il-konvenut, tas-somma ta' elf mitejn u hdax-il euro u wiehed u sittin centezmu ta' euro [€1,211.61] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Is-somma mitluba tirraprezenta il-bilanc tal-prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut.

Illi ghalkemm il-konvenut giet interpellat diversi drabi sabiex ihallas huwa baqa inadempjenti;

GHALDAQSTANT is-socjeta attrici titlob bir-rispett lil dan l-Abbli Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf, mitejn u hdax-il euro u wiehed u sittin centezmi, flimkien ma' l-imghax legali, u bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie prezentat kontestwalment, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fit-3 ta' Mejju, 2012, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar id-29 ta' Mejju, 2012, nhar it-22 ta' Gunju, 2012, nhar id-9 ta' Lulju, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar id-9 ta' Lulju, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf mitejn u hdax-il euro u wiehed u sittin centezmu ta' euro [€1,211.61], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------